II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1317

tad-9 ta' Settembru 2020

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Prodott li jikkonsisti fi prilli poruż liberi li fil-biċċa l-kbira huma bbażati fuq in-nitrat tal-ammonju bil-kompożizzjoni li ġejja (f'perċentwal skont il-piż): — tal-ammonju > 99,4 — (nitroġenu totali > 34,5) — polimeru anjoniku 0,28 — kisi 0,08 L-assorbiment taż-żejt tal-prilli huwa > 10 % skont il-piż. Il-prilli għandhom densità tal-massa ta' 0,72 g/cm³.	3602 00 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regola ġenerali nru 1 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 3602 00 00. Il-polimeru anjoniku jiżdied biex jagħti lill-prodott densità aktar baxxa u kapaċità akbar għall-assorbiment taż-żejt, li huma karatteristiki importanti li jippermettu lill-prilli poruż jkunu aktar adattati bħala materjal ta' bażi għall-manifattura ta' splussivi ANFO (Żejt Kombustibbli tan-Nitrat tal-Ammonju). It-trattament tas-superfiċje tal-prilli poruż permezz tal-kisi jsir biex jiġi stabbilizzat in-nitrat tal-ammonju u b'hekk jiġi evitat l-assorbiment mhux mixtieq tal-ilma li jista' jimmina/inaqqas il-kapaċità ta' assorbiment taż-żejt kombustibbli li huwa wieħed mill-karatteristiċi essenzjali ta' splussiv ANFO effiċjenti. Għalhekk, abbażi tal-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, il-prodott huwa identifikabbli bħala splussiv ippreparat taħt l-intestatura 3602 (ara wkoll l-opinjoni 3602.00/2 tal-klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3102 hija eskluża minħabba li l-prodott ġie ppreparat u fformulat speċifikament biex jintuża bħala materjal ta' bażi għall-isplussivi. La l-polimeru anjoniku u lanqas il-kisi mhuma teknikament rilevanti għall-użu bħala fertilizzant. Għalhekk, il-kundizzjonijiet tan-Nota 2 tal-Kapitolu 31 mhumiex issodisfati. Konsegwentement, il-prodott irid jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3602 00 00 bħala splussivi ppreparati, għajr trabijiet propellanti.
2. Prodott li jikkonsisti fi prilli poruż liberi li fil-biċċa l-kbira huma bbażati fuq in-nitrat tal-ammonju bil-kompożizzjoni li ġejja (f'perċentwal skont il-piż): — nitrat tal-ammonju > 99 — (nitroġenu totali > 34,5) — nitrat tal-manjeżju 0,4 — taħlita ta' fosfat tad-diammonju, sulfat tal-ammonju u aċidu boriku 0,06 — kisi 0,08 L-assorbiment taż-żejt tal-prilli huwa > 7 % skont il-piż. Il-prilli għandhom densità tal-massa ta' 0,80 g/cm³.	3602 00 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regola ġenerali nru 1 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 3602 00 00. It-taħlita ta' fosfat tad-diammonju, sulfat tal-ammonju u aċidu boriku tiżdied biex tagħti lill-prodott densità aktar baxxa u kapaċità akbar għall-assorbiment taż-żejt, li huma karatteristiki importanti li jippermettu lill-prilli poruż jkunu aktar adattati bħala materjal ta' bażi għall-manifattura ta' splussivi ANFO. It-trattament tas-superfiċje tal-prilli poruż permezz tal-kisi jsir biex jiġi stabbilizzat in-nitrat tal-ammonju u b'hekk jiġi evitat l-assorbiment mhux mixtieq tal-ilma li jista' jimmina/inaqqas il-kapaċità ta' assorbiment taż-żejt kombustibbli li huwa wieħed mill-karatteristiċi essenzjali ta' splussiv ANFO effiċjenti. Għalhekk, abbażi tal-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, il-prodott huwa identifikabbli bħala splussiv ippreparat taħt l-intestatura 3602 (ara wkoll l-opinjoni 3602.00/1 tal-klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3102 hija eskluża minħabba li l-prodott ġie ppreparat u fformulat speċifikament biex jintuża bħala materjal ta' bażi għall-isplussivi. La l-addittivi diversi u lanqas il-kisi mhuma teknikament rilevanti għall-użu ta' dan in-nitrat tal-ammonju ppreparat bħala fertilizzant. Għalhekk, il-kundizzjonijiet tan-Nota 2 tal-Kapitolu 31 mhumiex issodisfati. Konsegwentement, il-prodott irid jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 3602 00 00 bħala splussivi ppreparati, għajr trabijiet propellanti.